MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' April, 2011

Talba Numru. 212/2009

**Bay Street Holding Limited (C-12058)**
**Vs**
**Emanuel Camilleri (K.I. 478982M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef, mija u sebgha w erbghin ewro (€3,147) jew somma ohra verjuri illi tigi likwidatata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-kumpanija attrici fil-*lift* proprjeta' taghha gewwa Bay Street Complex nhar il-21 ta' Settembru, 2008 liema hsarat gew ikkagonati mill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata ai termini ta' l-artiklu 166A u tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghaxjiet legali mid-data li fiha gew ikkagonati l-hsarat sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex responsabbli ghad-danni reklamati u fi kwalunkwe' kaz huma ezagerati.

Bl-ispejjez inkluzi tan-nota tat-13 ta' Marzu wara l-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 166A.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' u ra x-xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri, ta' Johann Briffa, James Davis, PC 691 Juan Mula Debono, Pascal Fournier, Joseph John Grech, PS 928 Ramon Mifsud, Josef Borda, Meanaxi Pace, Clint Magro, Emanuel Camilleri, Jonathan Vella, James Pisani, Kevin Gaici, Mario Debattista u ra l-affidavit ta' Josefa Grima.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li din il-kawza titratta dwar hlas ta' danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici wara li l-konvenut allegatament kisser *control panel* ta' *lift* li kien installat fil-Bay Street Complex, San Giljan. L-incident inqala' fil-21 ta' Settembru, 2008 ghal habta tal-5.00 a.m.

Illi skont ix-xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri qal li kien kellem lill-konvenut dak inhar tal-incident fejn il-konvenut spjegalu kif huwa kien mar fil-*Hotel* ta' Bay Street fejn kienet qieghda tallogga ohtu wara li hija kienet cemplitlu ghaliex kienu nsterqulha xi flus. Gara li meta dahal fil-*lift* huwa nghalaq fil-*lift* u f'mument ta' paniku beda jaghfas il-buttuni sabiex jisimghu xi hadd u waqt li kien qieghed jaghfas il-buttuni inkissret il-*panel* u l-*lift* infetah wahdu. Irrizulta wkoll illi l-konvenut kien garrab xi griehi f'idjeh kawza tal-*panel* li tkissret. *A tempo vergine* l-konvenut kien stqarr lill-pulizija li huwa kien lest ihallas ghal xi danni li kien ikkaguna fil-*lift* izda mhux fl-ammont li kienet qieghda titlob is-socjeta' attrici. Qal ukoll illi l-konvenut

kien spjegalu li s-socjeta' Pantalesco kienet infurmatu li setghet tinbidel il-*control panel* wahedha u mhux l-apparat ta' warajha. Intqal ukoll illi l-konvenut kien baqa' maqful fil-*lift* ghal kwarta. Gie spjegat minn PC 691 Juan Mula Debono li huwa flimkien ma' PC 928 Ramon Grech Mifsud li kien dahhal ir-rapport flimkien kienu accedew fil-post, u li meta wasslu fuq il-post l-argument kien intemm. Spjega kif raw lill-konvenut mas-*security officers* tas-socjeta' attrici u spjegalhom illi ohtu kienet cemplitlu u qaltlu li kienet qalghet xebgha u meta dahal fil-*lift* huwa kien inghalaq fih. Intqal illi l-konvenut kien infurmahom illi jsofri minn *panic attacks*.

Skont Johann Briffa, *Head of Security* mas-socjeta' attrici qal illi fil-gurnata tal-incident kien hemm *on duty* is-*security officers'* Meanaxi Pace u Josef Borda. Spjega kif peress illi kienet imdahhla l-Pulizija huwa ma kienx dahal fil-kabina tal-*lift* in kwistjoni izda ra li kien hemm xi hsarat fil-*control panel* u kien hemm ukoll daqqiet fuq il-bieb ta' barra tal-*lift*. Illi skont rapport li sar lilu mis-*security officers* li kienu *duty* fil-hin tal-incident intqal li ghal habta ta' wara nofs il-lejl kien hemm xi ilmenti lir-*reception* tal-hotel, li kien hemm xi storbju gej mill-kamra numru 557. Raw illi kien hemm xi nies mhux awtorizzati li jkunu fil-kamra tal-Hotel u harguhom 'l barra. Illi sussegwentement semghu xi storbju iehor fir-raba' sular u raw xi individwu hiereg mill-bieb tal-*lift* b'idejh bid-demm. Dan l-individwu kien jismu Manuel. Intqal fir-rapport ezebit minn dan ix-xhud illi waqt li kienet qieghda ssir il-hsara fil-*lift* mill-konvenut kien hemm wahda mara.

Mix-xhieda ta' James Davis, CEO tas-socjeta' attrici spjega kif huwa kien talab ghal stima tal-hsarat u s-somma rizultat f' tlett elef, mija u sebgha u erbghin ewro (€3147). Spjega kif fil-kabina tal-*lift* hemm *control panel* twila u meta jieqaf *lift* hemm buttuna li tindika qanpiena u *microphone* fejn wiehed jista' jikkomunika direttament mas-*security department* tas-socjeta' attrici. Huwa kien ra l-hsarat skont ir-ritratti ezebiti mis-socjeta' attrici u kkonferma li kien hemm xi daqqiet ukoll fil-bieb tal-*lift*. Spjega kif l-istima ingabet direttament minn barra minn Malta. Huwa qal ukoll illi fehem illi l-konvenut agixxa

f’mument ta’ paniku izda qal ukoll illi l-konvenut kien dispost jaghmel tajjeb ghal hsarat li kien ghamel. Illi l-bniedem li huwa *sub-contracted* ghax-xoghlijiet tal-*lift*s huwa certu James Pisani li kien fil-fatt il-bniedem li kien biddel il-*control panel* u li kien jiehu hsieb il-*lifts* tal-kumpless Bay Street. Qal ukoll illi sussegwentement il-*lift* shih inbidel u l-*control panel* ma baqghatx l-istess wahda. Il-*lift* kien gie mibdul ghaliex kellu tmien snin u deherlu li kien hemm bzonn *passenger lifts* b’kapacita’ ikbar. Qal illi ma jafx fejn tqieghdet il-*control panel* l-imkissra u l-gdida kienet qieghda storjata x’imkien.

James Pisani, il-persuna li tiehu hsieb is-sistema tal-*lifts* tal-kumpless ikkonferma li l-*control panel* kellha tigi mibdula kompletament ghaliex ma setghetx tithaddem wahedha. Spjega kif inbiddlu xi parts minn *lift* ghall-iehor izda baqa’ *lift* wiehed biss li ma jintuzax sal-lum ghaliex qal illi s-socjeta’ attrici kienet qed tistenna l-ezitu ta’ din il-kawza. In kontro-ezami xehed illi meta huwa spezzjona l-*control panel* ra li l-qanpiena kienet imkissra izda l-buttuna tal-*intercom* ma dehritx imkissra u kienet qieghda tahdem. Qal ukoll illi kien possibli li *control panel* ohra titqieghed fuq is-sistema izda s-sistema  ta’ wara ghandha tigi riprogrammata mill-gdid. Illi dan it-tip ta’ *reprogramming* kien isir barra minn Malta u kien fuq suggeriment tieghu li kien qal lis-socjeta’ attrici illi jgibu wahda gdida u kompluta minn barra. Dan ix-xhud ikkonferma kif Malta hawn min jipprovdi sistema ta’ *reprogramming* izda kien jiehu fit-tul. Is-socjeta’ li tiehu hsieb ir-*reprogramming* hija Pantalesco. Qal illi dan il-*lift* gie riparat u kienu hadu xi *parts* minn *lift* iehor li ma kienx jintuza. Ikkonferma ukoll kif gieli ha *parts* minn *lift* ghall-iehor f’xoghlu fuq xoghol iehor.

It-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ Pascal Fournier, rapprezentant tas-socjeta’ Schindler, li timmanifattura dawn il-*lift*s. Spjega kif fl-24 ta’ Settembru, 2009 kien baghat stima ghal *replacement* tal-*car operating panel*. Ix-xhud spjega kif ma kienx possibli li tibdel biss il- *control panel* u kellha ghalhekk tinbidel il-parti tas-sistema ta’ wara ghaliex il-panel huwa kompost minn *sensitive touch panel* u ghaldaqstant l-*elements* kollha huma direttament mwahhlin mall-panel. Illi mir-ritratti ezebiti qal, li kemm il-

*control panel* kif ukoll kollox li jinsab warajh kellu jinbidel, izda stqarr ukoll li huwa qatt ma kien spezzjona dan il-*lift* partikolari. In kontro-ezami xehed illi l-*lift* li kien garrab il-hsarat illum il-gurnata inbidel. Ikkonferma li l-*control panel* li jkun hemm fil-*lift* seta' jinqala' u qal illi meta gara l-incident huwa ma setghax jipprova s-sistema ghaliex il-hgiega ta' quddiem kienet miksura. |Huwa ma kienx mar fuq il-post tal-incident.

It-Tribunal ra r-rapport tal-pulizija fejn gie ndikat illi Emanuel Camilleri kien ammetta illi huwa kien ghamel xi hsarat fil-*lift* u kien lest jaghmel tajjeb ghall-hsarat. Intqal ukoll illi minn idejh kien hemm hafna demm nizel tant illi shabu haduh l-isptar. Intqal ukoll illi James Davis kien informa lill-pulizija fl-24 ta' Settembru, 2008, illi l-hsarat kienu jammontaw fis-somma ta' tlett elef sebgha mija u hamsin ewro (€3,750). Skont ir-rapport is-socjeta' assikurattiva 'Melita Unipol' kienet gabret ir-rapport tal-pulizija fl-1 ta' Ottubru, 2008, izda rrizulta li s-socjeta' attrici qatt m'ghamlet *claim* mas-socjeta' assikurattiva taghha.

Wara li sema' u evalwa l-verzjoni tal-konvenut, t-Tribunal emmen illi l-qanpiena tal-*lift* ma kienetx qed tahdem. It-Tribunal huwa konvint illi meta l-konvenut inqafel fil-*lift* u l-qanpiena tal-*lift* ma kienetx qieghda tahdem huwa sofra minn mumenti ta' paniku. Illi ma jeskludix illi l-konvenut mhux biss beda jaghfas il-buttuni izda fil-mument ta' paniku aghfas il-buttuni b'certa qawwa tant illi l-*control panel* tkissret skont ir-ritratti ezebiti in atti a fol 75. Illi ghalkemm rrizultaw xi nkonsistenzi bejn il-verzjonijiet moghtija minnu, *a tempo vergine* mall-pulizija u waqt ix-xhieda tieghu fil-mori tal-kawza r-rizultat kien li l-*control panel* giet mifqugha mill-konvenut tant illi sofra xi griehi zghar f'idejh. It-Tribunal huwa sodisfatt illi kien hemm ammissjoni da parti tal-konvenut illi jaghmel tajjeb ghall-hsarat. Izda t-Tribunal m'huwiex sodisfatt illi s-socjeta' attrici fil-fatt batiet il-hsarat kolha mitluba minnha.

It-Tribunal sema' l-provi tas-socjeta' attrici li ndikaw illi l-*control panel* li tkissret ma setghet qatt tinbidel wehedha minghajr ma tinbidel is-sistema ta' warajha. Izda in kontro-

ezami l-istess xhud pressat mill-avukat difensur tal-konvenut spjega kif fil-fatt il-*control panel* setghet tinbidel wehedha u l-parti ta' warajha kellha ssirilha *reprogramming* tas-sistema elettronika/kompjuterizzata izda dehrlu bhala t-tekniku responsabbli ghal dawn il-*lift*s illi kien ikun ahjar li kieku ngabet is-sistema kollha shiha mill-gdid minn barra.

It-Tribunal mill-provi jirrilleva li dan il-*lift* rega' beda jahdem ghaliex it-tekniku responsabbli qala' xi *parts* minn *lift* iehor li ma jintuzax u twahhlu f'dan il-*lift* partikolari. Sema' ukoll illi kif wara diversi snin is-sistema tal-*liftijiet* fil-Bay Street Complex kellhom jinbidlu. Filwaqt illi is-CEO tas-socjeta' attrici qal illi l-*liftijiet* tbiddlu ghaliex dehrlu li kellhom ikunu ikbar, l-inginier prodott mill-konvenut xehed illi l-*lift*s tal-kumpless ma kienux konformi ma' certi regolamenti u ghalhekk kellhom jinbidlu. L-istess xhud xehed ukoll illi kien minnu li l-qanpiena tal-*lift* mertu tal-kawza ma kienx qieghda tahdem.

Illi effettivament it-Tribunal huwa sodisfatt illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici kienu il-ksur tal-*control panel* u dan il-*panel* gie offrut u depozitat il-Qorti mill-konvenut. Izda s-socjeta' attrici insistiet illi tigi rizarcita ghas-sistema ta' wara.

Illi wara li sema' u evalwa bir-reqqa l-provi kollha li gew migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-*control panel* miksura setghet tigi rimpjazzata u s-sistema ta' warajha kellha ssirilha *reprogramming*. Illi effetivament mill-provi rrizulta car u manifest illi ma kienx hemm ghalfejn illi sistema shiha tigi mibdula. Kien ikun bizzejjed li kieku ghamlu *reprogramming* tas-sistema. Ir-rapprezentant ta' Schindler qal illi huwa kien xehed fuq ir-ritratti li ra u ma kienx mar fuq il-post sabiex jevalwa d-danni. Illi x-xhud principali James Pisani li kien it-tekniku fiz-zmien tal-incident ikkonferma li kien fuq suggeriment tieghu li s-socjeta' attrici ddecidiet li tirrimpjazza s-sistema shiha ghalkemm kien possibbli li tinxtara *control panel* gdida u jsir *reprogramming*. Huwa kkonferma li llum il-gurnata dan il-*lift* inbidel u tqieghed *lift* b'sistema gdida.

It-Tribunal quddiemu  ghandu talba ghad-danni sofferti mis-socjeta'attrici. Illi wara li ezamina bir-reqqa' x-xhieda kollha prodotti quddiemu, t-Tribunal m'huwiex konvint illi s-socjeta' attrici fil-fatt sofriet d-danni kif mitluba minnha. Illi li kieku s-socjeta' attrici accettat li tigi rizarcita ghat-tibdil ta' *control panel* u taghmel *reprogramming* tas-sistema d-danni kienu jkunu minimizzati. Illi *d'altronde*, t-Tribunal huwa llum sodisfatt illi dawn id-danni m'humiex danni materjali ghaliex il-*lift* m'ghadux jezisti izda huwa minnu li  *a tempo debito* gew sofferti certi danni.

It-Tribunal ra li l-konvenut kien lest jaghmel tajjeb ghad-danni *a tempo debito* izda meta ra l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma hassx illi huwa kellu jhallas din is-somma meta b'ammont ferm inqas kien jista' jaghmel tajjeb ghall-istess danni. Izda t-Tribunal ra li s-socjeta' attrici ma kienetx lesta taccetta li l-konvenut ihallas ghal *control panel* mill-gdid u ghal-*reprogramming* tas-sistema izda rieditu bil-fors ihallas ghal sistema gdida meta huwa evidenti li din is-sistema qatt ma nxtrat mis-socjeta' attrici, izda giet mislufa minn *lift* iehor u dan il-*lift* sussegwentement inbidel kompletament.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li l-infortunat m'ghandux jaghmel qligh minn disgrazzja li tkun gratlu izda ghandu jkun rizarcit ragonevolment u skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

It-Tribunal fehem ili s-socjeta' attrici riedet taghmel qligh mill-konvenut. Filwaqt illi t-Tribunal japprezza li l-agir tal-konvenut ma kienx wiehed lodevoli, huwa offra li jaghmel tajjeb ghad-danni izda d-danni kellhom ikunu ragonevoli. It-Tribunal huwa ghalhekk sodisfatt illi d-danni mitluba mis-socjeta' attrici huma ezagerati.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut kien dispost jaghmel tajjeb ghad-danni izda ma hassx illi huwa kellu jhallas ghal danni li ma gewx effetivament sofferti. Li kieku s-socjeta' attrici ghamlet talba ghad-danni konsistenti f' *control panel* gdid u ghal *reprogramming* tas-sistema dan kien ikun accettat mill-konvenut. Izda t-Tribunal ra li mhux

biss illi s-socjeta’ attrici qieghda titlob ghal sistema mill-gdid, meta fil-fatt l-istess *lift* kien thaddem b’*parts* minn *lift* iehor li ma kienx jintuza izda li effettivament din is-sistema qatt ma regghet inxtrat mis-socjeta’ attrici ghaliex il-*lift* shih kien gie mibdul. Konsegwentement, it-Tribunal huwa sodisfatt illi d-danni kif mitluba huma ezagerati u li s-socjeta’ attrici qieghda tipprova taghmel qligh mill-agir xejn lodevoli tal-konvenut. It-Tribunal huwa tal-fehma li jekk kemm-il darba l-konvenut kien isofri minn *panic attacks,* m’ghandux jidhol f’*lift*s ghaliex jigri li *lift* jieqaf u ma jistax jirrejagixxi bl-istess mod minghajr ebda konsegwenza, kull darba li jinqafel gewwa *lift*.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien kkawza certi danni izda mhux fl-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici. Illi huwa minnu li s-socjeta’ attrici nkorriet spejjez billi kellha tqabbad lil James Pisani, tekniku sabiex jaghmel it-tiswijiet u tibdiliet necessarji sabiex il-*lift* li garrab il-hsarat kellu jerga’ jibda jahdem mill-gdid u ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghal *control panel* gdida garantita mill-manifattur u ghall-ispejjez li s-socjeta’ attrici inkorriet. Illi t-Tirbunal ma jistax jiehu konjizzjoni tal- *control panel* ezebita u depozitata mill-konvenut ghaliex ma kienetx garantita mill-manifattur. It-Tirbunal jemmen illi l-kumpens lis-socjeta’ attrici ghandu jkun wiehed gust u xieraq.

It-Tribunal jhoss illi s-socjeta’ attrici ghandha tigi kkumpensata ghad-danni sofferti *a tempo debito* u konsegwentement is-socjeta’ attrici timmerita kumpens gust u xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz li m’ghandux jeccedi seba’ mitt ewro (€700) u dan ghandu jkopri *control panel* awtorizzata u garantita mill-manifattur u ghall-*labour* u *parts* ghal *reprogramming* tas-sistema li kien fil-fatt sehh meta ttiehdet sistema ohra minn *lift* iehor.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici limitatament fis-somma ta’ seba’ mitt ewro (€700) bl-interessi skont il-ligi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza sopportati tlett kwarti ghas-socjeta' attrici u kwart ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------